**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 668/2019/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Joseph Zahra**

Illum 24 ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Joseph Zahra**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 293553(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Ħal-Far, u/jew fi bnadi oħra f'Malta, nhar it-2 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar:

1. inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' xi ħadd inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè fuq PS 1042 Aaron Caruana u PC 1405 Dylan Gerada waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-

servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluxxi fuqhom kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

3. ma obdiex ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħalliehx u fixklu waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu;

4. ġiegħel annimali jsofru uġigħ, tbatija jew dwejjaq mingħajr bżonn billi ma ħax dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżgura li l-ħtiġijiet ta' annimali li kien responsabbli għalihom jew li qabel li jieħu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba sabiex tiġi żgurata l-benesseri tal-annimal;

5. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' PS 1042 Aaron Caruana u PC 1405 Dylan Gerada *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' PS 1042 Aaron Caruana u PC 1405 Dylan Gerada *ai termini* ta' Artikoli 383 *et seq.* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 49, 50, 95, 338(dd) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikoli 8(2)(3)(4) u 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, elenkati fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2021, sabet lill-imputat ħati tar-reati kollha fiha elenkati u konsegwentement ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u kkundannatu piena ta' xahrejn (2) priġunerija u multa ta' tlett elef Euro (€3000), liema

multa kienet pagabbli minnufih u, fin-nuqqas, tiġi konvertita f'perjodu ta' priġunerija bir-rata stabbilita skont il-liġi.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-21 ta' Frar 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab ħati tal-akkużi fil-konfront tiegħu u, fil-każ li dina l-Qorti tikkonferma l-ħtija ta' l-appellant taħt dawn l-imputazzjonijiet kollha jew uħud minnhom, li tvarja l-piena inflitta, għal piena oħra anqas ħarxa skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fil-11 ta' Marzu 2025.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-5 ta' Frar 2025.

Illi l-fatti ta' dan il-każ jirrigwardaw każ ta' moħqrija kontra l-annimali fejn fit-2 ta' Novembru 2019 l-appellant talab l-intervent tal-Pulizija minħabba li kien qed iħossu mhedded minn ibnu. Meta l-Pulizija marru fuq il-post inqala argument bejn l-appellant u ibnu b'dana illi l-Pulizija firduhom u bdew jieħdu l-verżjonijiet tal-partijiet b'mod separat. Jingħad li l-appellant beda jghajjar u jhedded lill-Pulizija. Iben l-appellant semma lill-Pulizija li missieru kien qiegħed iżomm xi għasafar f'kundizzjonijiet ħżiena. Il-Pulizija talbu l-intervent tal-Protezzjoni Ċivili sabiex jidħlu fil-post. Jidher li sabu l-għasafar f'kundizzjonijiet ħżiena. Wara l-appellant, fuq parir tal-avukat tiegħu, mar l-Għassa tal-Pulizija sabiex jiskuża ruħu tal-imġieba tiegħu.

Illi permezz tal-appell tiegħu l-appellant iressaq numru ta' aggravji li din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom b'mod separat. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dawn l-aggravji hija tfakkar li ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-31 ta' Lulju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Julian Genovese** (Numru 141/2008) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-ewwel tlitt aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tistħarreġ l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dak li jista' jitqies bħala l-ewwel aggravju tal-appellant, l-appellant iressaq numru ta' argumenti li ser jiġu msemmija f'din il-parti ta' din is-sentenza. L-appellant jilmenta li kemm l-uffiċjali tal-Pulizija kif ukoll l-uffiċċjali tal-ħarsien tal-annimali fid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali naqsu milli jippreżentaw mandat u/jew jimxu mal-proċedura skont il-liġi fil-konfront tiegħu meta huma daħlu f'daru. Ikompli li minħabba f'hekk huwa sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu u ċioè dritt għas-smigħ xieraq. Ikompli li kull azzjoni li ttieħdet kontra tiegħu kienet ibbażata fuq *detto del detto*. L-appellant jirreferi għax-xiehda mogħtija minn PC 1405 Dylan Gerada fejn meta ġie mistoqsi dwar il-mandat huwa rrisponda li ma kellhomx għalfejn. Jisħaq li din hija prova li ma ngħata l-ebda mandat. Ikompli li PC 1405 Dylan Gerada naqas milli jispjega kif kienet tirriżulta li l-annimali kienu maħqurin u jgħid li ma hemm l-ebda riferenza għal irwejjaħ qawwija jew intejjen jew anke xi ħsejjes li setgħu jindikaw li dawn kienu f'periklu.

Illi l-appellant jirreferi għar-ritratti ppreżentati mill-uffiċjali tal-ħarsien tal-annimali fid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali li juru li l-gaġeġ użati minnu ma kienux ġodda u għalhekk setgħu juru li kien hemm aktar ħmieġ minn dak li fil-fatt kien hemm. Jgħid li t-tjur iħammġu ħafna u jekk ma tnaddafx ta' kuljum ikun hemm intiena. Jisħaq li ma ġietx ippreżentata l-ebda evidenza li turi minħabba xiex mietu l-għasafar. Jirreferi għax-xiehda tiegħu fejn kien spjega li t-tjur faċilment imutu u li xi jiem qabel kien xtara xi għasafar li ma kienux fl-aqwa kundizzjoni.

Illi l-appellant jispjega li huwa ma kienx preżenti meta sar l-aċċess ġewwa daru. Jirreferi għax-xiehda ta' Joseph Cassar (uffiċjal tal-ħarsien tal-annimali fid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali) li kkonferma dan u li kkonferma wkoll li hu (l-appellant) telaq minħabba l-ġlieda li qamet bejnu u ibnu. Ikompli billi jgħid li l-Pulizija li kienu preżenti barra d-dar tiegħu kienu marru għaliex hu stess kien talabhom l-għajnuna minħabba r-relazzjoni qarsa bejnu u ibnu. Jisħaq li meta wieħed iqis dan kollu, m'huwiex diffiċli sabiex wieħed jaħseb li ibnu ma kienx l-aktar bniedem affidabbli iżda minkejja dan kemm il-Pulizija u l-uffiċjali tal-

ħarsien tal-annimali fid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali qabdu u daħlu f'daru mingħajr mandat jew preavviż. Jgħid li l-aġir tal-Pulizija jmur kontra Artikolu 355E(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li ma jissussistux iċ-ċirkostanzi fih elenkati. Ikompli li l-aġir tal-uffiċjali tal-ħarsien tal-annimali fid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali jmur lil hinn minn dak dettat minn Artikolu 44B(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi rigward il-ksur tal-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, l-appellant jargumenta li dan kien biss għal żmien qasir u li seħħ meta tfaċċa ibnu minħabba li ħass li l-Pulizija kienu qed jagħtu preferenza lilu (lil ibnu). Jgħid li fuq parir tal-avukat tiegħu huwa mar l-Għassa tal-Pulizija sabiex jiskuża ruħu. B'riferenza għal ritratti eżebiti mill-Prosekuzzjoni, l-appellant jgħid li minbarra gabjetti dawn juru li huwa kellu wkoll gaġeġ akbar. Jilmenta li minn dawn ir-ritratti huwa diffiċli jifhem jekk huma jindikawx l-istess gaġeġ minħabba li ma hemmx riferenza ta' fejn instabu. Ikompli li għalhekk dawn ir-ritratti jistgħu jagħtu impressjoni inveritjiera.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li l-argument primarju mressaq mill-appellant jorbot mal-fatt li l-Pulizija daħlu fid-dar tiegħu mingħajr il-mandat neċessarju u dana bi ksur ta' Artikolu 355E tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan l-Avukat Ġenerali jisħaq li ma kienx hemm bżonn ta' mandat u dana *ai termini* ta' Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta. Fejn l-appellant jilmenta li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu u ċioè d-dritt għas-smigħ xieraq, din il-Qorti tinnota li hija mhijiex il-Qorti kompetenti sabiex tistħarreġ tali ilment u dana peress li dik hija mansjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali). Għaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ilment dwar il-leżjoni tad-dritt imsemmi.

Illi din il-Qorti tinnota Artikolu 355E tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi għal derogazzjonijiet mill-obbligu li jinkiseb mandat. B'mod partikolari ssir riferenza għal paragrafu (ċ) ta' Artikolu 355E tal-Kapitolu msemmi li jipprovdi hekk:

> "Salvi l-każijiet fejn il-liġi tipprovdi xort'oħra, ebda uffiċjal tal-Pulizija ma għandu, sakemm ma jkollux mandat minn Maġistrat, jidħol f'xi lokal, dar, bini jew reċint għall-fini li jagħmel xi perkwiżizzjoni hemm ġew jew li jarresta lil xi persuna li tkun għamlet reat jew li tkun raġonevolment suspettata li tkun għamlet jew li tkun se tagħmel xi reat, ħlief jekk –
>
> […]
>
> (ċ) l-intervent tal-pulizija jkun meħtieġ sabiex jipprevjeni l-għemil ta' delitt, jew
>
> […]."

Illi dwar dan l-artikolu din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Walter Zammit et** (Numru 305/2015) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Illi saħansitra d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jindikaw illi uffiċjal tal-pulizija huwa awtorizzat jagħmel tfittxija f'fond meta dan, fost ċirkostanzi oħra, jkun irid jipprevjeni l-għemil ta' delitt u dan għaliex "kull uffiċjal tal-Pulizija jista' jidħol u jfittex mingħajr mandat kull post, dar, bini jew reċint fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 355E(1)(a) sa (e)" tal-Kodiċi Kriminali.[1]"

Illi jirriżulta li t-tifel tal-appellant kien semma li missieru kellu xi annimali li kienu maħqurin liema fatt fih innifsu jikkostitwixxi reat u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li l-Pulizija setgħu jidħlu sabiex jipprevenu t-twettiq ta' dan ir-reat mingħajr il-bżonn ta' mandat.

Illi rigward il-prova li l-għasafar kienu fi stat ta' kura ħażina għandu jingħad li mit-traskrizzjoni tad-depożizzjoni mogħtija

[1] "Ara Artikolu 355K tal-Kodiċi Kriminali."

minn Joseph Cassar (uffiċjal tal-ħarsien tal-annimali fid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali – *a fol.* 162 *et seq.*) jirriżulta s-segwenti:

> "Xhud: jien u l-kollega tiegħi Fiorita Sammut. U sibna diversi għasafar li kienu miżmumin fi stat ta' diżastru. Kien hemm diversi kanarini mejta, sibna summien mejjet ukoll. Kien hemm għasafar taż-żebbuġ mejtin ukoll. Kienu qed jinżammu fil-ħmieġ, ilma maħmuġ, gaġeġ imsaddin, u ġew elevati minn naħa tad-Direttorat.
>
> [...]
>
> Xhud: Dawn kienu fil-ħmieġ Sinjura. Kien hemm, magħhom kien hemm anka mejta jiġifieri ma ġewx imneħħija.
>
> [...]
>
> Xhud: Għasafar mejta. Ilma maħmuġ."

Illi dan ġie kkonfermat ukoll mix-xiehda mogħtija minn Fiorita Sammut stess meta hija xehdet quddiem l-Ewwel Qorti (*a fol.* 196 *et seq.*) fejn hija kkonfermat l-istat ta' telqa li kienu jinżammu fih l-għasafar u l-fatt li anke kien hemm għasafar bla ikel u ilma. Għalkemm fix-xiehda mogħtija minn PS 841 Raymond Mallia (*a fol.* 298 *et seq.*) jirriżulta li hu ra lill-appellant jitma t-tiġieġ (*a fol.* 300) dan ma jnaqqas xejn mill-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha l-għasafar l-oħra. Din il-Qorti tgħid ċar u tond li ma temminx l-appellant meta jgħid li kien xtara xi għasafar li kienu morda u dana peress li l-appellant jgħid li ma jgħix mingħajr għasafar b'dan illi din il-Qorti tqies li huwa jifhem sew fihom għalhekk tikkunsidra bħala fatt inverosimili li huwa kien sejjer jixtri għasafar morda!

Illi rigward l-imġieba tal-appellant jirriżulta li tali mġieba kienet tant disdiċevoli li huwa mar l-Għassa jiskuża ruħu minħabba l-

imġieba tiegħu. Dwar l-akkadut din il-Qorti filwaqt li tinnota li l-appellant telaq minn fuq il-post mingħajr il-permess tal-Pulizija, din il-Qorti tinnota wkoll il-kliem ħarxa li l-appellant qal lill-istess Pulizija. B'mod partikolari din il-Qorti tagħmel riferenza għax-xiehda mogħtija minn PC 1405 Dylan Gerada (*a fol.* 123 *et seq.*) fejn jiddeskrivi t-tgħajjir li qala mingħand l-appellant. Dan kollu ġie kkonfermat ukoll minn PS 1042 Aaron Caruana meta ta d-depożizzjoni tiegħu (*a fol.* 119 *et seq.*). Din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddubita minn dan u sejra tqies il-verżjoni minnhom mogħtija bħala veritjiera. Tenut kont ta' dan din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq mill-appellant u ċioè li kiser il-bon ordni għal ftit ħin. Irrispettivament mit-tul ta' ħin li huwa kiser il-bon ordni jibqa' dejjem il-fatt li tali bon ordni nkiser minnu.

Illi kkunsidrati l-provi kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni din il-Qorti tqis li l-livell ta' prova rikjest fil-kamp kriminali ġie sodisfatt fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-appellant b'dana illi l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. B'hekk isegwi li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud *in toto.*

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu. Huwa jisħaq li din il-piena hija waħda eċċessiva u mhux proporzjonata għal għemil tiegħu. Huwa jagħmel riferenza għal ġurisprudenza u filwaqt li jispjega li l-piena tiffoka fuq tliet prinċipji kardinali ossia dak retributtiv, preventiv u ri-edukattiv jew rijabilitattiv, jisħaq li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti tagħfas aktar fuq l-element retributtiv.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tfakkar li fir-rwol tagħha hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-erogazzjoni tal-piena sa fejn tali piena taqa' fil-parametri tal-liġi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. William**

**Caruana** (Numru 340/2019) fejn din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk

> "4. Il-ġurisprudenza tgħallem li appell minn piena f'każ fejn l-appellant ikun irreġistra ammissjoni quddiem Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandu jkun biss kemm-il darba l-piena ma tkunx tirrientra fil-parametri legali. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Serag F. H. Ben Abid** deċiża nhar l-4 ta' Diċembru 2003, stqarret hekk:
>
> > Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, **meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tirrientra fil-limiti li tipprefiġġi l-liġi**.[2] Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kienitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero', li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat.
>
> 5. Il-fatt li ammissjoni tkun saret fi stadju bikri tal-proċeduri ma jfissirx illi l-imputat għandu dritt awtomatiku ta' riduzzjoni fil-piena u dan il-prinċipju ġie ribadit diversi drabi mill-Qrati tagħna. Hekk stqarret il-

[2] "Enfasi ta' din il-Qorti."

Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Il-Pulizija vs. Grazio Calleja** deċiża nhar is-16 ta' Mejju 2001:

> Għalhekk kienet fid-diskrezzjoni assoluta ta' l-Ewwel Qorti jekk tikkunsidrax tali ammissjoni għal fini ta' xi tnaqqis fil-piena. Bħal ma dejjem ingħad, mhux kull ammissjoni awtomatikament, jew bi dritt, iġġib magħha tnaqqis fil-piena. Kull każ għandu l-fattispeċie tiegħu w jekk tingħatax xi mitigazzjoni fil-piena jew le, anke meta jkun hemm ammissjoni fl-istadju bikri ta' xi proċeduri, dan dejjem jibqa' fid-diskrezzjoni tal-Qorti.

6. Inoltre f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-Ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awwissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the

Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, *'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges'* (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle.'* Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."

This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

7. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:

a. għall-offiża in kwistjoni u
b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn

din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> 8. Fil-verita', dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga' ngħad, *"sentencing is an art rather than a science"* u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita' perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.

8. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-interessi tal-komunita' kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibbilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, għal kull buon fini tinnota li permezz ta' Att

Numru IV tal-2025 saru xi emendi riċenti f'Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn, fost l-oħrajn, żdiedet il-piena. Għal kull buon fini jingħad ukoll li din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni l-piena kif kienet meta seħħet l-imputazzjoni li temerġi minn Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li tagħha din il-Qorti kkonfermat il-ħtija fl-appellant u dana peress li hija aktar favorevoli għalih. Din il-Qorti ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni tal-bqija tal-imputazzjonijiet li l-appellant allura imputat instab ħati tagħhom mill-Ewwel Qorti, liema ħtija ġiet konfermata minn din il-Qorti, b'mod partikolari l-piena li setgħet tiġi erogata taħt il-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata taqa' sewwa sew fil-parametri tal-liġi u ma hemm xejn x'jiġri ċensurat fiha b'dan illi din il-Qorti ma tarax li jeżistu ċirkostanzi li jwassluha sabiex tnaqqas il-piena erogata mill-Ewwel Qorti peress li ma tikkunsidrahiex eċċessiva u/jew sproporzjonata. Din il-Qorti tgħid dan b'mod speċjali wara li qieset li l-appellant ġie meqjus bħala reċidiv u li din ma kinitx l-ewwel darba li kiser difrejgħ mal-liġi, anzi jirriżulta ferm bil-kontra u dana jirriżulta mill-fedina penali ferm voluminuża tiegħu. Għaldaqstant, anke l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Joseph Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |